


## Għajnsielem u l-Personaġġi Storiċi

# JACQUES FRANCOIS DE CHAMBRAY

L-aqwa sit storiku ċivili mibni f'Għajnsielem taħt it-tmexxija ta' l-Ordni Ġerosolomitan, bla dubju ta' xejn, hu l-Fortizza Chambray. Il-post fejn hi mibnija din il-fortizza kien destinat mill-inġinier Tignè fil-pjanta tiegħu.

Chambray hi belt storika mdawra bi swar mastizzi li tiddomina l-Port ta' l-Imġarr u dak tax-Xatt l-Aħmar. Il-bini ta' din il-Fortizza beda bil-qtugħ tal-ġebel nhar l-4 t'Ottubru, 1749.

Il-qtugħ tal-ġebel mil-lok fejn kellha tinbena din il-Fortizza kien ta' tul u ta' siwi ta' flus, billi kien ta' daqs ta' dak il-kobor li kien meħtieġ sabiex fuqu tinbena belt ċkejkna, kif ta' spiss tinsab fil-kotba ta' l-Ordni "Ċittadella".

Kif kiteb il-Kan. P. Buttiġieġ (Leħen is-Sewwa, 26-10-1948), li kkwota manuskritt li jinsab fl-Arkivju tal-Parroċċa ta' Għajnsielem, il-kbir Forti Chambray jinsab imwaqqaf fil-limiti ta' l-Imġarr ix-Xini, mibni ukoll fuq id-difiza ta' l-Imġarr minn Chambray, fejn qabel ma kienx hemm ħlief trunċiera ckejkna. Ġewwa dan il-Forti, hemm mibni kwartier sabiħ li fih tmien imħażen kbar u erbgħa minnhom jagħmlu l-ewwel pjan u erbgħa oħra t-tieni pjan tiegħu. Hemm ukoll kmamar għall-fizzjali u għadd ta' lokijiet oħra ta' ħtieġa. Ġewwa l-ħitan ta' dan il-Forti hemm polvrista kif ukoll kappella ċkejkna, dedikata lill-Verġni Marija. Hemm ukoll is-swar, għaxar kanuni, u ġewwa hemm żewg ġibjuni mill-aqwa, b'ilma mill-aktar tajjeb.

Fl-1856 ġew imwaqqfa ġewwa l-Forti tletin barrakka kbar ta' l-injam u kumditajiet oħra għas-servizzi ta' riġment Ingliz li wasal mill-Krimea fis-16 ta' Ġunju ta' l-istess sena. Fuq il-bieb ewlieni tal-Forti hemm skrizzjoni bil-Latin, minquxa fuq lapida ta' irħam abjad. Fuq din l-iskrizzjoni kien hemm żewġ armi kbar tal-Gran Mastru Manwel Pinto u l-oħra ta' Ġakbu de Chambray, skolpiti f'basso rilev f'irħam abjad statwarju li jinsabu merfugħa f'maħżen tal-Kwartier. Fuq il-quċċata ta' dan hemm il-qanpiena ta' madwar qantar u nofs, miġjuba mit-Torri Garzes fl-1830.

Fi żmien l-Inglizi saru xi modifikazzjonijiet u mbagħad inqerdu ż-żewġ ċimiterji li kien hemm fil-foss u dan l-aħħar sar iktar tibdil u bini ġdid li sa nqered l-isbaħ ċimiterju li kien għad baqa' ġewwa l-Forti. Fortunatament għadna naraw is-swar kolossali tiegħu.

Ngħidu issa xi ħaġa dwar it-twajjeb Jacques Francois De Chambray. Twieled minn familja nobbli f'Evreus, fl-1687 u ta' għoxrin sena kellu ġa karriera mill-isbaħ fl-Ordni bħala paġġ tal-Gran Mastru Perellos, li fl-1707 għażlu bħala gwerrier qalbieni fl-ispedizzjoni li ntbagħtet minn Malta biex tiddefendi Oran, li allura kien ġie assejdat mill-Alġerini, fejn wera kuraġġ u ħila, għalkemm ġie ferut darbtejn. F'qasir żmien huwa ħareġ wisq kapaċi għas-suċċessi tiegħu f'kumbattimenti ta' fuq il-baħar u mexxa spedizzjonijiet mill-aqwa kontra l-pirati Torok u ħaraq u għarraq għadd ta' bastimenti li kienu jappartienu lir-Reġġenzi ta' l-Alġier, ta' Tunes u ta' Tripli. Fl-1730 ġie maħtur assistent-Ġeneral u ġie lilu mogħti l-kmand tal-Flotta ta' l-Ordni. Sena wara rnexxillu jaqbad taħt idejh, fil-baħar ta' Amiette, ġifen-Ammirall Tork, li kien immexxi mill-famużImhamet-All. Kif wasal Malta, fl-1733, gie mgħolli għad-dinjità ta' Kavallier tas-Salib il-Kbir u Bali' ta' l-Ordni u ġiet lilu mogħtija l-Kommenda ta' Metz.

Ftit wara li għalaq is-sittin sena, wara li kien ġab tant trionfi fuq il-baħar bil-Flotta ta' l-ordni bħala Kmandant tagħha, irtira biex jistrieħ, biss dejjem baqa' jiswa lill-Ordni bil-pariri tiegħu u għalhekk irċieva onorificenzi oħra. (ara Leħen is-Sewwa 15-10-49).

Kif għal kulħadd, anke għall-Bali' Chambray, il-glorja ta' din id-dinja trid tispiċċa u għalhekk wara għadd ta' attakki ta' epuplesija, l-kbir Bali' Chambray għadda għal għand il-Mulej meta kellu tmienja u sittin sena nhar it-28 ta' April 1756, iżda mhux mingħajr ma ħalla testament nobbli, mhux biss dak mibni bil-ġebla Għawdxija, iżda ieħor aqwa miktub bil-linka.

***Dun Karm Cassar***